

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/42/KE

tad-29 ta' Ġunju 2007

dwar materjali u oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża intiża biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Il-metodu biex jiddetermina n-nuqqas ta' ċaqliq ta' sustanzi koloranti għandu jkun stabbilit fi stadju aktar avanzat.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(6) Sakemm jiġu stabbiliti l-kriterji ta' purità u metodi ta' l-analiżi, id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jibqgħu fis-seħħ.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

(7) Lista ta' sustanzi approvati, flimkien mal-limiti ta' kwantitajiet li għandhom jintużaw, f'dan il-każ speċifiku huwa biżżejjed biex fil-prinċipju jintlaħaq l-iskop stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/10/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar il-materjali u l-oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża intiża biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel ⁽²⁾ ġiet emendata kemm-il darba ⁽³⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(8) Madankollu, il-bis(2-hydroxyethyl)ether (= diethyleneglycol) u ethanediol (= monoethyleneglycol), jistgħu jiċċaqlqu estensivament lejn ċertu ikel u għalhekk biex tiġi evitata din il-possibiltà, bħala miżura preventiva, huwa aktar xieraq li tkun stabbilita definittivament il-kwantità massima awtorizzata ta' sustanzi bħal dawn fl-ikel li kienu f'kuntatt ma' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża.

(2) Il-miżuri tal-Komunità kkunsidrati minn din id-Direttiva mhumiex biss meħtieġa imma wkoll indispensabbli biex jintlaħqu l-oġġettivi tas-suq intern. Dawn l-oġġettivi ma jistgħux jintlaħqu individwalment mill-Istati Membri. Barra minn dan, it-tweġġiq tagħhom fil-livell tal-Komunità huwa diġà previst mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

(9) Biex tkun protetta s-saħħa tal-konsumatur, kuntatt dirett bejn l-ikel u superfiċji stampati ta' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża għandu jkun evitat.

(3) Biex jintlaħaq l-oġġettivi imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 fil-każ ta' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża, l-istrument xieraq kien direttiva speċifika fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

(10) Id-dikjarazzjoni bil-miktub li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 għandha tkun prevista fil-każ ta' l-użu professjonali ta' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża għal materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel, apparti minn dawk li, fin-natura tagħhom, huma intiżi għal dan l-użu.

(4) Kisi sintetiku ta' ċelluloża riġenerata għandu jkun is-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi.

(11) Ir-regoli li jridu jiġu applikati għat-tertuqi riġenerati taċ-ċelluloża għandhom ikunu speċifiċi għan-natura tas-saff f'kuntatt ma' l-oġġett ta' l-ikel. Għal din ir-raġuni, il-ħtiġi-jiet għal tertuqi taċ-ċelluloża riġenerati miksijsa b'kisi li jikkonsisti mill-plastik, għandhom ikunu differenti minn dawk previsti għal tertuqi taċ-ċelluloża riġenerati mhux miksijsa jew miksijsa b'kisi li joriġina miċ-ċelluloża.

⁽¹⁾ ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 93, 17.4.1993, p. 27. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2004/14/KE (ĠU L 27, 30.1.2004, p. 48).

⁽³⁾ Ara l-Anness III, Parti A.

- (12) Sustanzi awtorizzati biss għandhom jintużaw fil-fabbrikazzjoni tat-tipi kollha ta' tertuqa taċ-ċelluloża riġenerati, inkluż tertuqa taċ-ċelluloża riġenerati miksija bil-plastik.
- (13) Fil-każ ta' tertuqi taċ-ċelluloża riġenerati miksija b'kisi li jikkonsisti mill-plastik, is-saff f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel jikkonsisti minn materjali simili għal materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel. Għalhekk huwa xieraq li r-regoli previsti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awwissu 2002 li għandhom x'jaqsmu ma' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾ japplikaw ukoll għal dawn it-tertuqi.
- (14) Fl-interess ta' konsistenza ta' leġislazzjoni Komunitarja, il-kontroll ta' konformità ta' tertuqi riġenerati taċ-ċelluloża miksija bil-plastik mal-limiti ta' ċaqliq stabbiliti mid-Direttiva 2002/72/KE għandha titwettaq skond ir-regoli preskritti fid-Direttiva tal-Kunsill 82/711/KEE tat-18 ta' Ottubru 1982 li tippreskrivi r-regoli bażiċi meħtieġa għat-testjar taċ-ċaqliq tal-kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽²⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE tad-19 ta' Diċembru 1985 li tippreskrivi l-lista ta' simulanti li jridu jintużaw għall-ittestjar taċ-ċaqliq ta' kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽³⁾.
- (15) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali.
- (16) Id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

- Din id-Direttiva hija direttiva speċifika fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004,
- Din id-Direttiva għandha tapplika għal tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża fit-tifsira mogħtija fl-Anness I, intiża biex tiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel jew li, minħabba l-iskop tagħha, tiġi f'dan it-tip ta' kuntatt, u li jew:

⁽¹⁾ ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/19/KE (ĠU L 91, 31.3.2007, p. 17).
⁽²⁾ ĠU L 297, 23.10.1982, p. 26. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/48/KE (ĠU L 222, 12.8.1997, p. 10).
⁽³⁾ ĠU L 372, 31.12.1985, p. 14. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/19/KE.

(a) tikkostitwixxi prodott lest fiha nnifsha, jew

(b) tiffirma parti minn prodott lest li fih materjali oħra.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kisi sintetiku ta' ċelluloża riġenerata.

Artikolu 2

It-tertuqi riġenerati taċ-ċelluloża msemija fl-Artikolu 1(2) għandhom jappartjenu għal wieħed minn dawn it-tipi li ġejjin:

(a) tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża mhux miksi;

(b) tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża miksi bil-kisi li joriġina miċ-ċelluloża; jew

(c) tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża miksi bil-kisi li jikkonsisti mill-plastik.

Artikolu 3

1. Tertuqi taċ-ċelluloża riġenerati msemija f'punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 2 għandhom jiġu fabbrikati biss permezz ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla f'lista fl-Anness II bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, is-sustanzi apparti dawk elenkati fl-Anness II, jistgħu jkunu użati meta dawn is-sustanzi jkunu maħsuba bħala sustanzi koloranti (kuluri u pigmenti) jew bħala adesivi, sakemm ma jkun hemm l-ebda traċċa ta' ċaqliq tas-sustanzi fi jew fuq l-ikel, li jistgħu jkunu osservati b'metodu validat.

Artikolu 4

1. Tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża msemija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 2 għandhom jiġu fabbrikati biss, qabel il-kisi, permezz ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla f'lista fl-ewwel parti ta' l-Anness II, bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih.

2. Il-kisi li jrid jiġi applikat lit-tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża msemija fil-paragrafu 1 għandu jiġi fabbrikat biss permezz ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla f'lista fl-Annessi II sa VI mad-Direttiva 2002/72/KE, bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih.

3. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1, materjali u oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża msemmija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 2 għandhom jikkonformaw ma' l-Artikoli 2, 7 u 8 tad-Direttiva 2002/72/KE.

Artikolu 5

Superfiċji stampati ta' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża m'għandhomx jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel.

Artikolu 6

1. Fl-istadji tat-tqegħid fis-suq li m'humiex stadji ta' bejgħ bl-imnut, il-materjali u l-oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata ta' ċelluloża li huma intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel għandhom ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub bi qbil mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal materjali u oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża li fin-natura tagħhom huma intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel.

3. Fil-każ li kondizzjonijiet speċjali ta' l-użu huma indikati, il-materjal jew l-oġġett magħmul minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża għandu jkun immarkat kif xieraq.

Artikolu 7

Id-Direttiva 93/10/KEE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehmha bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 8

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

DESKRIZZJONI TA' TERTUQA RIĠENERATA TAĊ-ĊELLULOŻA

Tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża hija folja rqiqa ta' materjal miksub minn ċelluloża raffinata li ġejja minn injam jew qoton mhux riċiklat. Biex jintlaħqu l-ħtiġiet tekniċi, sustanzi xierqa jistgħu jiżiedu jew fil-massa jew fuq is-superfiċji. Tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża tista' tkun miksiya fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat.

ANNEX II

LISTA TA' SUSTANZI AWTORIZZATI FIL-MANIFATTURA TA' TERTUQA RIĠENERATA TAĊ-ĊELLULOŻA

NB:

- Il-persentaġġi f'dan l-Anness, fl-ewwel u t-tieni parti, huma espressi f'piż/piż (w/w) u huma kkalkolati b'relazzjoni mal-kwantità ta' tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża anidra mhux miksi.
- Id-denominazzjonijiet tekniċi tas-soltu huma mogħtija fil-parentesi.
- Is-sustanzi użati għandhom ikunu ta' kwalità teknika tajba f'dak li għandu x'jaqşam mal-kriterji ta' purità.

L-EWWEL PARTI

Tertuqa riġenerata ta' ċelluloża mhux miksi

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
A. Ċelluloża riġenerata	Mhux inqas minn 72 % (w/w)
B. Addittivi	
1. <i>Softeners</i>	Mhux iktar minn 27 % (w/w) bħala total
— Bis(2-hydroxyethyl) ether [= diethyleneglycol]	} Biss għal tertuqa intiża biex tiġi miksi u imbagħad użata għall-ikel li mhux niedi, jiġifieri li ma fihx ilma li huwa fiżikament ħieles fil-wiċċ. L-ammont totali ta' bis(2 hydroxyethyl)ether u ethanediol preżenti fl-ikel li kien f'kuntatt mat-tertuqa ta' dan it-tip ma jistax jeċċedi 30 mg/kg ta' l-ikel.
— Ethanediol [= monoethyleneglycol]	
— 1,3-butanediol	
— Glycerol	
— 1,2-propanediol [= 1,2 propyleneglycol]	
— Polyethylene oxide [= polyethyleneglycol]	Piż molekolari medju bejn 250 u 1 200
— 1,2-polypropylene oxide [= 1,2 propyleneglycol]	Piż molekolari medju mhux akbar minn 400 u kontenut ħieles ta' 1,3-propanediol mhux akbar minn 1 % (w/w) fis-sustanza
— Sorbitol	
— Tetraethyleneglycol	
— Triethyleneglycol	
— Urea	
2. <i>Addittivi oħra</i>	Mhux aktar minn 1 % (w/w) bħala total
L - e w w e l k l a s s i	Il-kwantità tas-sustanza jew tal-grupp tas-sustanzi f'kull inċiż ma tistax teċċedi 2 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksi
— Aċidu aċetiku u l-imluħa NH ₄ , Ca, Mg, K u Na tiegħu	
— Aċidu askorbiku u l-imluħa NH ₄ , Ca, Mg, K u Na tiegħu	
— Aċidu benzojku u sodium benzoate	

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
— Aċidu formiku u l-imluħa NH ₄ , Ca, Mg, K u Na tiegħu	
— Aċidi tax-xaħmijiet lineari, niedja jew mhux niedja b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inkusiv u wkoll aċidi behenic u ricinoleic u l-imluħa NH ₄ , Ca, Mg, K, Na, Al, Zn ta' dawn l-aċidi	
— Aċidi ċitriċi, d u l lattiċi, malejċi, l-tartariċi u l-imluħa Na u K tagħhom	
— Aċidu sorbiku u l-imluħa NH ₄ , Ca, Mg, K u Na tiegħu	
— Aċidi tax-xaħam lineari, niedja jew mhux niedja, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inkusiv u wkoll l-amidi ta' aċidi behenic u ricinoleic	
— Lamtu u dqiġ naturali li jittiekel	
— Lamtu u dqiġ li jittiekel modifikat bi trattament kimiku	
— Amylose	
— Karbonati u kloruri tal-kalċju u l-manjeżju	
— Esteri tal-glycol b'aċidi tax-xaħam lineari, niedja jew mhux niedja, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inkusiv u/jew b'aċidi adipiċi, ċitriċi, 12-hydroxystearic (oxystearin), ricinoleic	
— Esteri tal-polyoxyethylene (8 sa 14 gruppi ta' oxyethylene) b'aċidi tax-xaħam lineari, niedja jew mhux niedja, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inkusiv	
— Esteri ta' sorbitol b'aċidi tax-xaħam lineari, niedja jew mhux niedja, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inkusiv	
— Mono- u/jew di-esteri ta' aċidu stearic b'ethane-diol u/jew bis(2-hydroxyethyl) ether u/jew triethylene glycol	
— Osidi u idro-ossidi ta' l-aluminju, tal-kalċju, tal-manjeżju u tas-silikon u tas-silikati u silikati idrati ta' l-aluminju, l-kalċju, l-manjeżju u l-potassju.	
— Polyethylene oxide [= polyethyleneglycol]	Piż molekolari medju bejn 1 200 u 4 000
— Sodju propjoniku	
It-tieni klassi	Il-kwantità totali tas-sustanzi ma tistax teċċedi 1 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija u l-kwantità tas-sustanza jew grupp ta' sustanzi f'kull inċiż ma tistax teċċedi 0,2 mg/dm ² (jew limitu aktar baxx meta wieħed huwa speċifikat) tat-tertuqa mhux miksija.
— Sodju alkiliku (C ₈ sa C ₁₈) benzene sulphonate	
— Sodju isopropiliku naphthalene sulphonate	

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
— Sodju alkiliku (C ₈ sa C ₁₈) sulfat	
— Sodju alkiliku (C ₈ sa C ₁₈) sulfonat	
— Sodju diocytlsulphosuccinate	
— Distearate ta' dihydroxyethyl diethylene triamine monoacetate	Mhux aktar minn 0,05 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija
— Sulfati lawrili ta' l-ammonju, tal-manjeżju u tal-potassium	
— N,N'-distearoyl diaminoethane, N,N'-dipalmitoyl diaminoethane u N,N'-dioleoyl diaminoethane	
— 2-heptadKEyl-4,4-bis(methylene-stearate) oxazoline	
— Polyethylene-aminostearamide ethylsulphate	Mhux aktar minn 0,1 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija
It-tielet klassi – Aġent li jorbot	Il-kwantità totali tas-sustanzi ma tistax teċċedi 1 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija
— Prodott ta' kondensazzjoni ta' melamine-formaldehyde mhux modifikat, jew li jista' jkun immo-difikat b'wieħed jew iżjed minn dawn il-prodotti li ġejjin: Butanol, diethylenetriamine, ethanol, triethylenetetramine, tetraethylenepentamine, tri-(2-hydroxyethyl) amine, 3,3'-diaminodipropylamine, 4,4'-diaminodibutylamine	Kontenut ħieles ta' formaldehyde mhux akbar minn 0,5 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija Kontenut ħieles ta' melamine mhux akbar minn 0,3 mg/dm ² ta' tertuqa mhux miksija
— Prodott ta' kondensazzjoni ta' melamine-urea-formaldehyde modifikat b'tris-(2-hydroxyethyl)amine	Kontenut ħieles ta' formaldehyde mhux akbar minn 0,5 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija Kontenut ħieles ta' melamine mhux akbar minn 0,3 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija
— "Cross-linked" cationic polyalkyleneamines: (a) reżina polyamide-epichlorhydrin ibbażata fuq diaminopropylmethylamine u epichlorhydrin (b) reżina polyamide-epichlorhydrin ibbażata fuq epichlorhydrin, aċidu adipiku, caprolactam, diethylenetriamine u/jew ethylenediamine (c) reżina polyamide-epichlorhydrin ibbażata fuq aċidu adipiku, diethylenetriamine u epichlorhydrin, jew taħlita ta' epichlorhydrin u ammonja (d) reżina polyamide-polyamine-epichlorhydrin ibbażata fuq epichlorhydrin, dimethyl, adipate u diethylenetriamine (e) reżina polyamide-polyamine-epichlorhydrin ibbażat fuq epichlorhydrin, adipamide u diaminopropylmethylamine	Bi qbil mad-direttivi tal-Komunità u fin-nuqqas tagħhom, mal-legislażzjoni nazzjonali, pendenti fuq l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Komunità
— Polyethyleneamines u polyethyleneimines	Mhux aktar minn 0,75 mg/dm ² tat-tertuqa mhux miksija

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
<p>— Prodott ta' kondensazzjoni ta' urea-formaldehide mhux modifikat, jew li jista' jkun modifikat b'wieħed jew iżjed minn dawn il-prodotti li ġejjin:</p> <p> aċidu aminomethylsulphonic, aċidu sulphanillic, butanol, diaminobutane, diaminodiethylamine, diaminodipropylamine, diaminopropane, diethylenetriamine, ethanol, guanidine, methanol, tetraethylenepentamine, triethylenetetramine, sodium sulphite</p> <p>Ir-raba' klassi</p> <p>— Prodotti li jirriżultaw mir-reazzjoni ta' l-amini taż-żjut ta' l-ikel ma' polyethylene oxide</p> <p>— Monoethanolamine lauryl sulphate</p>	<p>Kontenut ħieles ta' formaldehide mhux akbar minn 0,5 mg/dm² tat-tertuqa mhux miksija</p> <p>Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax teċċedi 0,01 mg/dm² tat-tertuqa mhux miksija</p>

TIENI PARTI

Tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża miksija

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
A. Ċelluloża riġenerata	Ara l-ewwel parti
B. Addittivi	Ara l-ewwel parti
C. Kisi	
1. <i>Polimeri</i>	Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax teċċedi 50 mg/dm ² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel
— Ethyl, hydroxyethyl, hydroxypropyl u methyl ethers ta' ċelluloża	
— Nitrat taċ-ċelluloża	Mhux aktar minn 20 mg/dm ² ta' kisi tat-tertuqa fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel; kontenut ta' nitroġenu bejn 10,8 % (w/w) u 12,2 % (w/w) fin-nitrat taċ-ċelluloża
2. <i>Reżini</i>	Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax taqbeż 12,5 mg/dm ² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel u biss għat-thejjja ta' tertuqi riġenerati taċ-ċelluloża b'kisi bil-bażi ta' nitrat taċ-ċelluloża
— Kaseina	
— Kolofonija u/jew il-prodotti tagħha ta' polimerizzazzjoni, idroġenizzazzjoni, jew disproporzazzjoni u l-esteri tagħhom ta' methyl, ethyl, jew C ₂ sa C ₆ polyvalent alkoħol, jew taħlitiet ta' dawn l-alkoħol	
— Kolofonija u/jew il-prodotti tagħha ta' polimerizzazzjoni, idroġenizzazzjoni, jew disproporzazzjoni ikkondensati b'aċidi alylic, maleic, citric, fumaric u/jew phthalic u/jew 2,2 bis (4-hydroxyphenyl) propane formaldehide u "esterified" b'methyl ethyl jew C ₂ sa C ₆ polyvalent alkoħols, jew taħlit ta' dawn l-alkoħol	

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
<ul style="list-style-type: none"> — Esteri derivati minn bis(2-hydroxyethyl) ether bi prodotti addizzjonali ta' betapinene u/jew dipentene u/jew diterpene u maleic anhydride — Ġelatina li tittiekel — Żejt tar-rignu u l-prodotti tiegħu ta' deidratazzjoni jew idroġenizzazzjoni u l-prodotti tiegħu ta' kondensazzjoni ma' polyglycerol, aċidi adipic, citric, maleic, phthalic u sebacic — Gomma naturali [= damar] — Poly-beta-pinene [= reżini terpenic] — Reżini urea-formaldehyde (ara "anchoring agents") 	
<p>3. <i>Plasticizers</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Acetyl tributyl citrate — Acetyl tri(2-ethylhexyl) citrate — Di-isobutyl adipate — Di-n-butyl adipate — Di-n-hexyl azelate — Dicyclohexyl phthalate — 2-ethylhexyl diphenyl phosphate (sinonimu: phosphoric acid diphenyl 2-ethylhexyl ester) — Glycerol monoacetate [= monoacetin] — Glycerol diacetate [= diacetin] — Glycerol triacetate [= triacetin] — Di-butyl-sebacate — Di-n-butyl tartrate — Di-isobutyl tartrate 	<p>Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax teċċedi 6 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>Mhux aktar minn 4,0 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>L-ammont ta' 2-ethylhexyl diphenyl phosphate m'għandux jaqbeż:</p> <p>(a) 2,4 mg/kg ta' l-oġġett ta' l-ikel f'kuntatt ma' dan it-tip ta' film, jew</p> <p>(b) 0.4 mg/dm² fil-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p>
<p>4. <i>Addittivi oħra</i></p> <p>4.1. Addittivi mn iżżla fl-ewwel parti:</p>	<p>Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax teċċedi 6 mg/dm² fit-tertuqa riġenerata ta' ċelluloża, inkluż fil-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>L-istess restrizzjonijiet bħal fl-ewwel parti (però l-kwantitajiet fmg/dm² jirreferu għal tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża mhux miksi, inkluż fil-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel)</p>

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
<p>4.2. Additivi speċifiċi tal-kisi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 1-hexadecanol u 1-octadecanol — Esteri ta' aċidi tax-xaħam lineari, niedja jew mhux niedja, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju minn 8 sa 20 inklużiv u ta' aċidu ricinoleic ma' ethyl, butyl, amyl, oleyl linear alkoħols — Xemgħa montan, li tikkomprendi aċidi montanic purifikati (C₂₆ sa C₃₂) u/jew l-esteri tagħhom b'ethanediol u/jew 1,3 butanediol u/jew l-imluħa tal-kalċju u potassju tagħhom — Xemgħa karnawba — Xemgħa tan-naħal — Xemgħa esparto — Xemgħa kandelilla — Dimethylpolysiloxane — Żejt tal-fażola tas-soya epossidat (kontenut ta' oxirane 6 sa 8 %) — Paraffina raffinata u xemgħa mikrokristallina — Pentaerythritol tetrastearate — Mono u bis(octadecyl-diethyleneoxide)-phosphates — Aċidi alifatiċi (C₈ sa C₂₀) "esterifikati" b'mono- jew di-(2-hydroxyethyl)amine — 2- u 3-tert.butyl-4-hydroxyanisole - [= butylated hydroxyanisole - BHA] — 2,6-di-tert.butyl-4-methylphenol [= butylated hydroxytoluene - BHT] — Di-n-octyltin-bis(2-ethylhexyl) maleate 	<p>Il-kwantità tas-sustanza jew grupp ta' sustanzi f'kull inċiż m'għandhiex taqbeż iż-2 mg/dm² (jew limitu inqas meta wieħed ikun speċifikat) tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-ikel.</p> <p>Mhux aktar minn 1 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>Mhux aktar minn 0,2 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>Mhux aktar minn 0,06 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>Mhux aktar minn 0,06 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>Mhux aktar minn 0,06 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p>
<p>5. Solventi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Butyl acetate — Ethyl acetate — Isobutyl acetate 	<p>Il-kwantità totali ta' sustanzi ma tistax taqbeż 0,06 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p>

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
<ul style="list-style-type: none">— Isopropyl acetate— Propyl acetate— Acetone— 1-butanol— Ethanol— 2-butanol— 2-propanol— 1-propanol— Cyclohexane— Ethyleneglycol monobutyl ether— Ethyleneglycol monobutyl ether acetate— Methyl ethyl ketone— Methyl isobutyl ketone— Tetrahydrofuran— Toluene	<p>Mhux aktar minn 0,06 mg/dm² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel</p>

ANNEX III

PARTI A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva tal-Kummissjoni 93/10/KEE	(ĠU L 93, 17.4.1993, p. 27).
Direttiva tal-Kummissjoni 93/111/KE	(ĠU L 310, 14.12.1993, p. 41).
Direttiva tal-Kummissjoni 2004/14/KE	(ĠU L 27, 30.1.2004, p. 48).

PARTI B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni

(imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
93/10/KEE	fl-1 ta' Jannar 1994.	l-1 ta' Jannar 1994 ⁽¹⁾ l-1 ta' Jannar 1994 ⁽²⁾ l-1 ta' Jannar 1995 ⁽³⁾
93/111/KE	—	—
2004/14/KE	fid-29 ta' Lulju 2005.	id-29 ta' Lulju 2005 ⁽⁴⁾ id-29 ta' Jannar 2006 ⁽⁵⁾

⁽¹⁾ Skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/10/KEE: "L-Istati Membri għandhom jippermettu, mill-1 ta' Jannar 1994, il-kummerċ u l-użu ta' tertuqa taċ-ċelluloża riġenerata taċ-ċelluloża intiża biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel li huma konformi ma' din id-Direttiva."

⁽²⁾ Skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/10/KEE: "L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, mill-1 ta' Jannar 1994, il-kummerċ u l-użu ta' tertuqa taċ-ċelluloża riġenerata li hija ntiża biex tiġi f'kuntatt mal-oġġetti ta' l-ikel u li la hija konformi ma' din id-Direttiva u lanqas mad-Direttiva 83/229/KEE, apparti mit-tertuqa li d-Direttiva 92/15/KEE tipprojbixxi mill-1 ta' Lulju 1994."

⁽³⁾ Skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/10/KEE: "L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, mill-1 ta' Jannar 1995, il-kummerċ u l-użu ta' materjali u l-oġġetti magħmula minn tertuqa riġenerata taċ-ċelluloża intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel li ma humiex konformi ma' din id-Direttiva imma li kienu konformi mad-Direttiva 83/229/KEE."

⁽⁴⁾ Skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/14/KE: "L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'tali mod illi jippermettu l-kummerċ u l-użu ta' tertuqi riġenerati taċ-ċelluloża li huwa maħsub sabiex jiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, mid-29 ta' Lulju 2005."

⁽⁵⁾ Skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/14/KE: "L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'tali mod illi jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni u l-importazzjoni fil-Komunità ta' tertuqa taċ-ċelluloża riġenerat li huwa maħsub sabiex jiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mid-29 ta' Jannar 2006."

ANNEX IV

Tabella ta' korrelazzjoni

Direttiva 93/10/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1) u (2)	Artikolu 1(1) u (2)
Artikolu 1(3), kliem tal-bidu, punt (b)	Artikolu 1(3)
Artikolu 1a	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 2a	Artikolu 4
Artikolu 3	Artikolu 5
Artikolu 4	Artikolu 6
Artikolu 5	—
Artikolu 6	—
—	Artikolu 7
—	Artikolu 8
Artikolu 7	Artikolu 9
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
Anness III	—
—	Anness III
—	Anness IV